Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2153(DEC)

9.1.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022 (2023/2153(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Petri Sarvamaa

WERREJ

Paġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2153(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 105

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.
[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2022 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2153(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 105

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.
[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2153(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq[1] tagħha, il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("l-Awtorità") għas-sena finanzjarja 2022 kien jammonta għal EUR 34 571 120, li jirrappreżenta żieda ta' 5,27 % meta mqabbel mal-2021; billi l-Awtorità hija ffinanzjata minn kontribuzzjoni mill-Unjoni (EUR 12 932 000, li tirrappreżenta 37,40 %) u kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali mill-Istati Membri (EUR 21 076 120, li jirrappreżentaw 60,96 %);

B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2022 ("ir-rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota, b'sodisfazzjon, li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2022 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,46 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,52 % meta mqabbel mal-2021; jinnota, madankollu, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 92,07 %, li tirrappreżenta żieda ta' 12,95 % meta mqabbel mal-2021;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Awtorità tuża ċerti miżuri bħalma huma l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut permezz tal-attivitajiet tagħha u miżuri oħrajn biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha; jinnota li, fl-2022, l-Awtorità stabbiliet 17-il mira ta' livell strateġiku għall-prestazzjoni fis-seba' oqsma ewlenin ta' ħidma tagħha; jinnota, b'apprezzament, li l-Awtorità laħqet jew qabżet 15 minn dawk il-miri, filwaqt li l-mira ta' żewġ KPIs oħra tqieset mhux applikabbli li jiġi rrapportat dwarha

[1] ĠU C 38, 31.1.2023, p. 78.

minħabba d-dipendenza fuq l-iskedi ta' żmien leġiżlattivi tal-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA) u t-tfixkil teknoloġiku;

3. Josserva li 342 prodott u servizz, li jirrappreżentaw 91 % tat-total, twasslu kif ippjanat mill-Awtorità, filwaqt li 20 prodott u servizz ieħor esperjenzaw dewmien żgħir u 13 ma tkomplewx, spiss b'riżultat tad-dipendenza fuq l-iskedi ta' żmien tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi (pereżempju r-Rieżami tas-Solvenza II) jew fuq l-iżviluppi teknoloġiċi fis-suq, u prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin; ifaħħar lill-Awtorità għal żieda fl-interventi orali tagħha minn 167 fl-2021 għal 214 fl-2022;

4. Jirrikonoxxi l-bosta kisbiet tal-Awtorità fl-2022 biex twettaq fil-biċċa l-kbira l-kompiti tagħha fl-oqsma tal-konverġenza tas-superviżjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja; jinnota, b'mod partikolari, li l-Awtorità wettqet l-ewwel test tal-istress klimatiku tal-IORP tagħha biex tikseb għarfien dwar l-effetti tar-riskji ambjentali fuq is-settur Ewropew tal-pensjonijiet tax-xogħol, ippreżentat l-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' rapportar superviżorju u ta' divulgazzjoni skont Solvenza II lill-Kummissjoni, ippubblikat għadd ta' dokumenti, rapporti u gwidi dwar l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-ġestjoni tar-riskju ta' (ri)assiguraturi u fondi tal-pensjonijiet tax-xogħol u pprovdiet input u pariri tekniċi lill-koleġiżlaturi fil-proċess leġiżlattiv fir-rigward tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-DORA; ifaħħar lill-Awtorità għad-diversi inizjattivi u azzjonijiet tagħha fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali li permezz tagħhom tappoġġja l-objettivi tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Finanzi Diġitali, inkluż permezz tal-kontribut, flimkien ma' diversi partijiet ikkonċernati, bħall-Istitut Universitarju Ewropew, għall-istabbiliment tal-"Akkademja Superviżorja tal-Finanzi Diġitali tal-UE";

5. Jinnota li l-Awtorità użat għall-ewwel darba għadd ta' setgħat u għodod mogħtija lill-Awtorità permezz tar-Regolament dwar l-EIOPA; jinnota, f'dan il-kuntest, li fl-2022 l-Awtorità ħarġet rakkomandazzjoni lill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja (NBS) wara l-konklużjonijiet tal-Awtorità li ksur (imwettaq minn kumpanija tal-assigurazzjoni Slovakka) ta' rekwiżiti kapitali ma kienx ġie indirizzat b'mod xieraq minn perspettiva superviżorja; jinnota wkoll, bi tħassib, li l-Awtorità sabet li l-NBS kiser id-dritt tal-Unjoni u, b'konsegwenza, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni formali li tirrikjedi li l-NBS jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni u twettqet inkjesta bbażata fuq l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar l-EIOPA; jitlob lill-Awtorità żżomm lill-awtorità ta' kwittanza informata dwar is-segwitu u r-riżultati ta' dik l-inkjesta;

6. Jinnota li l-Awtorità kkontribwiet biex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u tipproteġi lill-konsumaturi billi mmonitorjat bir-reqqa s-swieq u vvalutat l-impatt fil-kuntest il-ġdid tal-invażjoni mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-issikkar progressiv tal-politika monetarja b'reazzjoni għar-rati ta' inflazzjoni rekord madwar l-Ewropa; jilqa' l-pubblikazzjoni f'waqtha fl-2022 ta' dikjarazzjoni superviżorja dwar l-inflazzjoni li tiffoka fuq kif l-inflazzjoni taffettwa d-dispożizzjonijiet tekniċi, l-investimenti u r-rekwiżiti kapitali tas-solvenza;

Effiċjenza u titjib

7. Jinnota li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jikkoordinaw, jikkondividu u jappoġġjaw lil xulxin f'ħafna oqsma, kemm fl-oqsma tan-negozju ewlieni kif ukoll

f'dawk ta' appoġġ; jilqa' l-fatt li l-ASE ngħaqdu flimkien f'inizjattivi strateġiċi bħall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-software, l-infrastruttura tan-network u l-konsulenza tal-IT fost l-oħrajn billi, pereżempju, użaw l-istess fornituri; jinnota, f'dan il-kuntest, l-Istrateġija dwar il-Cloud tal-Awtorità approvata fl-2022, żviluppata mill-Awtorità flimkien maż-żewġ ASE l-oħra, istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs) u li għandha l-għan li tipprovdi prodotti aktar awtonomi, awtomatizzati u self-service biex jaqdu lill-esperti tal-Awtorità u lill-NCAs;

8. Ifaħħar lill-Awtorità għall-investimenti tagħha u l-allokazzjoni tal-persunal għal proġetti fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali, biex tilħaq livelli ġodda ta' effiċjenza billi tawtomatizza u tissimplifika l-proċessi tan-negozju u ttejjeb iż-żmien għas-suq u l-kollaborazzjoni fil-funzjonijiet u bejniethom, fost l-oħrajn; jilqa', f'dan il-kuntest, il-proġetti tal-Awtorità mwettqa fl-2022 li jiffukaw fuq it-titjib tal-kapaċitajiet tal-analiżi tad-data biex jintlaħaq l-għan li l-Awtorità tinbidel f'organizzazzjoni kompletament diġitali u mmexxija mid-data;

9. Josserva li, fir-rigward tal-prattiki tan-negozju ta' kuljum, l-Awtorità implimentat firxa ta' miżuri biex ittejjeb il-kosteffiċjenza, bħal xogħol ibridu, desk-sharing u soluzzjonijiet moderni ta' vidjokonferenzi li wasslu għat-tnaqqis tal-ivvjaġġar fuq xogħol; jinnota li, sabiex tippreserva l-għarfien istituzzjonali, l-għarfien espert u l-effiċjenza fit-twettiq tal-kompiti ewlenin, l-Awtorità kompliet issaħħaħ is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Talent integrata tagħha; jistieden lill-Awtorità tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza data u ċifri dwar l-impatt ta' dik is-sistema;

10. Jinnota, mir-rapport tal-Qorti, li l-Awtorità hija fost l-aġenziji li għandhom pjan korporattiv biex itejbu l-effiċjenza enerġetika u n-newtralità klimatika tal-operati tagħhom, u joħorġu dikjarazzjoni ambjentali (pereżempju dwar ir-rapportar tal-impronta tal-karbonju) integrata fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom; ifaħħar ukoll lill-Awtorità talli ngħatat iċ-ċertifikat EMAS (Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-Unjoni Ewropea) fl-2022 bil-għan li tikseb l-akkreditazzjoni formali tal-EMAS fl-2023;

Politika dwar il-persunal

11. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, 99 % (l-istess bħal fl-2021) tat-tabella tal-persunal kienet ikkompletata, u nħatru 137 aġent temporanju mill-138 aġent temporanju awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni; jinnota li, barra minn hekk, 36 aġent kuntrattwali u 24 espert nazzjonali sekondat ġew impjegati mill-Awtorità fl-2022;

12. Jinnota t-tqassim skont il-ġeneru tal-Awtorità rrappurtat għall-2022 bi 15-il raġel (65,20 %) u 8 nisa (34,80 %) f'pożizzjonijiet maniġerjali intermedji u superjuri u fil-Bord Maniġerjali tagħha, u 104 rġiel (53,60 %) u 90 mara (46,40 %) fil-persunal ġenerali tagħha;

13. Jilqa' l-fatt li, fl-2022, l-Awtorità kompliet l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għad-Diversità u l-Inklużjoni (D&I) (adottata fl-2021) u l-Pjan ta' Azzjoni dettaljat tagħha permezz ta' inizjattivi li jkopru miżuri trasversali bħal, fost l-oħrajn, il-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, l-attirar u l-għażla ta' forza tax-xogħol aktar diversa, il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, il-fastidju, il-preġudizzju konsapevoli u inkonsapevoli, u l-monitoraġġ ta' data relatata mad-diversità u l-inklużjoni; jinnota li, fl-2022, ġie rrappurtat każ wieħed ta' allegat fastidju, iżda l-każ ingħalaq mingħajr

azzjonijiet ulterjuri peress li, wara valutazzjoni preliminari, *prima faciae* ma nstabet l-ebda evidenza;

14. Jilqa' l-fatt li l-Awtorità hija ddedikata li trawwem u tipprovdi ambjent tax-xogħol varjat u inklużiv adattat ukoll għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà; jinnota, f'dan il-kuntest, li fl-2022 il-koordinatur u l-ambaxxatur intern tal-Awtorità dwar id-diżabbiltà ġie nnominat biex ikompli jsaħħaħ u jiffoka l-attenzjoni fuq dan il-qasam partikolari u stħarriġ relatat, kif ukoll azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni twettqu fost il-persunal u l-maniġment;

15. Jinnota li l-Awtorità baqgħet impenjata bis-sħiħ li ttejjeb il-benesseri tal-persunal u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, b'riżultati pożittivi osservati fl-involviment u s-sodisfazzjon tal-persunal; jinnota li l-oqsma ewlenin kienu jinkludu arranġamenti ta' xogħol flessibbli, telexogħol, gwida tul il-ħajja u żvilupp tal-karriera, programmi ta' benesseri u maniġment li joffri appoġġ;

Akkwist

16. Jinnota, mir-rapport tal-Qorti, l-osservazzjoni li l-Awtorità għamlet pagamenti (total ta' EUR 25 607) wara t-tmiem tad-durata ta' kuntratt li permezz tiegħu l-Awtorità akkwistat servizzi tat-telekomunikazzjoni għall-komunikazzjoni bil-mobile għal perjodu ta' erba' snin (2017-2021); jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li dawk il-pagamenti kienu irregolari; jinnota wkoll l-osservazzjoni tal-Qorti li emenda għal dak il-kuntratt, iffirmata f'April 2022, saret bi ksur tal-punt 1.1 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju;

17. Ifakkar, mir-rapport annwali tal-Qorti dwar l-aġenziji tal-Unjoni għall-2021, fl-osservazzjoni dwar l-ammont (EUR 288 125) imħallas b'mod irregolari mill-Awtorità fir-rigward tal-kuntratt ta' kiri għall-bini tagħha; jinnota, f'dan il-kuntest, mir-rapport tal-Awtorità dwar il-miżuri li ttieħdu fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza (kwittanza 2021), il-pożizzjoni tal-Awtorità li n-nuqqas ta' rispett tal-obbligi kuntrattwali kien ikollu effett legali u reputazzjonali negattiv fuq l-Awtorità; jinnota, mir-rapport tal-Qorti, li l-istatus ta' din l-osservazzjoni għadu miftuħ; jistieden lill-Awtorità tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa meta tniedi l-proċedura ta' akkwist għal kuntratt tal-kiri ġdid biex tipprevjeni kwalunkwe kunflitt bejn l-obbligi imposti mill-ftehim ta' kiri u d-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament Finanzjarju;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

18. Jilqa' l-fatt li, f'konformità mar-rekwiżiti legali tal-Awtorità, is-CVs tal-Membri tal-Bord tas-Superviżuri (BoS) u l-Bord Maniġerjali tal-Awtorità, ir-résumé tal-President u tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità u r-résumé qasir tal-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Awtorità huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Awtorità; jinnota li d-dikjarazzjonijiet ta' interess u d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni individwali huma pubblikament disponibbli għal kull membru tal-Bord Maniġerjali u għal kull membru tal-BoS u tal-maniġment superjuri tal-Awtorità; jilqa' wkoll il-pubblikazzjoni tal-laqgħat tal-persunal tal-Awtorità mal-lobbisti fuq is-sit web tal-Awtorità;

19. Jilqa' l-fatt li, fl-2022, l-Awtorità saħħet ir-regoli tal-etika tagħha għall-persunal u għal dawk li mhumiex parti mill-persunal filwaqt li indirizzat l-osservazzjonijiet tal-Qorti

mir-rapport tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għall-2021 u bil-għan li tħares it-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod imparzjali, oġġettiv u indipendenti u tidentifika u tittratta minnufih kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli; jinnota, f'dak ir-rigward, ir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità, l-adozzjoni tal-politika dwar l-indipendenza u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess għal persuni li mhumiex parti mill-persunal, l-approvazzjoni ta' reviżjoni tad-deċiżjoni rigward l-evalwazzjoni tal-president u tad-direttur eżekuttiv u l-adozzjoni ta' reviżjoni tar-Regoli dwar l-Etika tal-Awtorità għall-membri tal-persunal;

20. Josserva, fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta, li fl-2022 membru tal-persunal wieħed qajjem it-tħassib tiegħu dwar każ potenzjali ta' irregolaritajiet, liema każ ġie ġestit mill-Awtorità f'konformità mar-regoli applikabbli; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li ġie infurmat immedjatament mill-Awtorità, wettaq valutazzjoni li wasslet biex il-każ twaqqa' minħabba li ma kien hemm l-ebda suspett suffiċjenti biex tinfetaħ investigazzjoni;

21. Jilqa' l-fatt li, f'Lulju 2022, il-BoS irreveda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu biex jimplimenta l-osservazzjoni tal-Qorti rigward il-preżenza, matul id-diskussjonijiet u l-votazzjoni, ta' membri tal-BoS li jinsabu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess; jinnota wkoll li, f'Diċembru 2022, il-bord maniġerjali tal-Awtorità approva deċiżjoni riveduta rigward l-evalwazzjoni tal-president u tad-Direttur Eżekuttiv, f'konformità mal-osservazzjonijiet tal-Qorti;

Kontroll intern

22. Jinnota li, fl-2022, l-Awtorità wettqet il-valutazzjoni annwali tal-Qafas ta' Kontroll Intern tagħha, u kkonkludiet li l-komponenti u l-prinċipji kollha huma implimentati u jiffunzjonaw kif ippjanat, bil-ħtieġa ta' xi titjib minħabba nuqqas moderat li ġie identifikat;

23. Josserva li, fl-2022, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) ħareġ ir-rapport rigward l-awditu mwettaq fl-2021 dwar il-"Miżuri ta' Intervent tal-EIOPA" mmirat lejn l-NCAs u l-operaturi tas-suq fis-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni; josserva wkoll li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità (QCC) tal-Awtorità ħareġ rapport ta' rieżami dwar it-"Tagħlimiet meħuda mill-kooperazzjoni u l-interazzjoni bejn l-EIOPA u l-NCAs matul il-pandemija tal-COVID-19"; jistieden lill-Awtorità żżomm lill-awtorità ta' kwittanza aġġornata fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-IAS u mill-QCC;

24. Jinnota b'apprezzament li, fl-2022, l-Awtorità identifikat, immonitorjat u ħadet miżuri biex ittaffi l-effetti tar-riskji fir-rigward tan-nuqqas ta' kapaċità suffiċjenti biex timplimenta setgħat u kompiti ġodda filwaqt li twettaq l-impenji eżistenti, in-nuqqas ta' persunal imħarreġ bil-kompetenzi meħtieġa minħabba kwistjonijiet relatati mal-attraenza u r-reklutaġġ u t-theddid għaċ-ċibersigurtà u l-kontinwità tal-operat;

25. Jinnota li, fl-2022, l-Awtorità kompliet tindirizza l-bqija tar-rakkomandazzjonijiet mill-awditu dwar l-"Għodod ta' Sorveljanza fil-Qasam tal-Protezzjoni tal-Konsumatur" (2019-2020); jinnota wkoll li dan l-awditu rriżulta f'erba' rakkomandazzjonijiet li ġew indirizzati b'tali mod li żewġ rakkomandazzjonijiet ingħalqu uffiċjalment mill-IAS f'Novembru 2021 u żewġ rakkomandazzjonijiet ingħalqu uffiċjalment f'Ġunju 2022;

Kummenti oħra

26. Jinnota li, fl-2022, l-Awtorità, flimkien mal-ASE l-oħra, ħarġet twissijiet lill-konsumaturi fir-rigward tal-attivitajiet ta' riskju għoli u spekulattivi assoċjati ma' bosta kriptoassi;

27. Jinnota, mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-mistoqsijiet tal-awtorità ta' kwittanza, li l-Awtorità bħalissa qed tibbenefika mill-għodod tas-sejħiet għall-offerti elettroniċi tal-Kummissjoni (sejħiet għall-offerti elettroniċi, sottomissjoni elettronika, fatturazzjoni elettronika) u l-għodda għall-ġestjoni tal-akkwist pubbliku (PPMT) sadanittant ġiet implimentata (minn Lulju 2023); jilqa' l-fatt li l-proċeduri tal-offerti tal-EIOPA jinkludu rekwiżiti ta' kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, fejn possibbli, u l-offerenti tal-EIOPA jridu jiffirmaw id-Dikjarazzjoni fuq l-Unur dwar il-Konformità mal-obbligi ambjentali u soċjali, fost l-oħrajn;

28. Jinnota li, fl-2022, l-Awtorità ppubblikat ir-riżultati tal-ħidma tagħha fil-forma ta' rapporti, fuq is-sit web u l-midja soċjali tagħha, fejn il-biċċa l-kbira tar-rapporti kienu akkumpanjati minn stqarrija għall-istampa; jilqa' l-fatt li, f'xi każijiet, ir-rapporti huma akkumpanjati wkoll minn sommarji, filmati qosra tal-midja soċjali, jew intervisti qosra biex il-kontenut jiġi spjegat f'termini aktar sempliċi;

°

° °

29. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' [...] 2024[2] dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

[2] Testi adottati, P9_TA(2024)0000.